# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 300 – Il-Ġimgħa l-1 ta' Mejju, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku
2. Ġuramnet tal-ħatra

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5.00 p.m. Ippresieda l-Kunsillier is-Sur Nicholas Cassar bħala l-aktar kunsillier anzjan.

### PREŻENTI

Il-Kunsillier Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsilliera is-sinj. Alessia Psaila Zammit

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sur Nicholas Cassar stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1 INTRODUZZJONI

Is-sur Cassar feraħ b'mod partikolari lil dawk il-kunsilliera li ġew eletti għall-ewwel darba. Huwa qal li issa li intemmet il-kampanja elettorali, irridu ninsew il-pika partiġġjana u nikkoperaw flimkien. B'hekk niżguraw li jkollna Kunsill magħqud u dan għandu jirriżulta f'ħidma fejjieda għall-ġid tal-lokalità tagħna.

## 2 HATRA TA' SINDKU

Billi fl-aħħar elezzjoni lokali, l-Avukat Dr Karol Aquilina kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista, li f'dik l-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsilliera fil-lokalità tas-Siġġiewi, Iċ-Chairman talbu jiddikjara jekk kienx qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

L-Avukat Karol Aquilina iddikjara fl-affermattiv.

Iċ-Chairman stieden lis-Sindku Karol Aquilina jieħu s-sedja.

## 3 HATRA TA' VIĊI SINDKU

Billi l-Kunsilliera Dr Alesia Psaila Zammit kisbet it-tieni l-akbar għadd ta' voti mal-ewwel għadd fl-elezzjoni lokali fil-partit li ġab il-maġġoranza tal-Kunsilliera, is-Sindku talabha tiddikjara jekk kinitx qed jaċċetta li tieħu l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Il-Kunsilliera Dr Alessia Psaila Zammit iddikjarat fl-affermattiv.

## 4 ĠURAMENT

Is-Sindku u l-Viċi-Sindku ħadu l-ġurament tal-kariga rispettiva tagħhom quddiem Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, l-Avukat Dr Ian Micallef.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-6.00pm. u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju fil-5.00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2015**